# Valle D'Aosta

## Italy with a touch of Switzerland & France

**INŻURU:** Aosta, Milan, Torino, Bard, San Vincent, Gran Paradiso, Cogne, Lilaz, Chamonix, Courmayeur, Annecy, Cervinia u Geneve.

**Grupp A:** 14 ta' Ġunju-21 ta' Ġunju
**Grupp B:** 19 ta' Lulju-26 ta' Lulju
**Grupp C:** 26 ta' Lulju-02 t'Awwissu
**Grupp D:** 02 t'Awwissu-09 t'Awwissu
**Grupp E:** 09 t'Awwissu-16 t'Awwissu
**Grupp F:** 16 t'Awwissu-23 t'Awwissu
**Grupp G:** 23 t'Awwissu-30 t' Awwissu
**Grupp H:** 30 t' Awwissu-06 ta' Settembru
**Grupp I:** 06 ta' Settembru-13 ta' Settembru
**Grupp J:** 10 t'Ottubru-17 t'Ottubru

### IL-ĦADD

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-16.00 għall-flight KM626 li ttir fis-18.05. Naslu l-ajruport ta' Milan fit-20.00. Transfer bil-kowċ lejn **Valle D'Aosta** fost xenarju ta' muntanji u widien mill-isbaħ ġewwa l-Italja. Akkomodazzjoni **Hotel Miage 3 star** (Charvensod) Aosta. Sistemazzjoni tal-kmamar.

### IT-TNEJN

Wara li nieħdu buffet brekafast, excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' Geneve ġewwa l-Isvizzera. Fejn flimkien mat-tour leader naraw il-bini lussuż ta' **Geneve**, famuża għal ħafna headquarters internazzjonali bħal **United Nations Building, WHO, Red Cross**. Nagħmlu mixja matul **il-lag ta' Geneve** li huwa l-akbar lag fl-Ewropa ċentrali u li fih naraw il-funtana **Jet D'Eau** li ttajjar l-ilma madwar 150metru.



Naraw ukoll l-'**English Garden**' li huwa wieħed mill-isbaħ parks ta' din il-belt, fejn naraw l-arloġġ magħmul mill-fjuri kuluriti u triqat mimlija fjuri. Wara ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing. Nirritornaw lura l-hotel għaċ ċena.

### IT-TLIETA

Flimkien niskopru lil **Aosta**-belt pittoreska ġewwa r-reġjun ta' Valle D'Aosta, hekk magħrufa bħala Ruma tal-Alpi. Aosta hi mogħnija b'ħafna **monumenti, knejjes u l-famuża Piazza** Émile **Chanoux**. Inżuru postijiet storiċi bħal **Porta Pretoria, Augustus Arch, Sant'Orso Complex u l-katidral t'Aosta**, ikollna ħin liberu biex tkunu tistgħu żżuru suq fejn hawn issibu dak kollu li tridu. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn ir-riżort magħruf **ta' Breuil-Cervinia** li hu mżejjen b'xeni ta' glaċieri meraviljużi. Nieqfu biex ingawdu dan ix-xenarju u nagħmlu dawra mal-post. Inkomplu l-exscursion tagħna lejn **San Vincent** magħrufa għal **Casino Della Valle**, flimkien mat- tour leader se nżuru fabbrika tal-grappa fejn ikollna ċans li nduquha wkoll. Ikollna biżżejjed ħin biex nixtru minn dawn il-prodotti. Wara ċ-ċena ħarġa mal-leader.

### L-ERBGĦA

Fost il-ġmiel pittoresk tal-**Alpi Franċiżi** nsibu l-belt t'**Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkittetura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. **Palais de 'lle, St.Pierre Cathedral, St. Francis Church, il-kastell u l-kanali** jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Ikollna l-ħin liberu għax-xiri u sightseeing jew minn irid jista jmur cruise (extra) madwar il-lag sabiħ t'Annecy. Passiġġata mal-lag mhux ta' min jitlifha! Lura l-hotel għaċ-ċena.

### IL-ĦAMIS

Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-isbaħ ġewwa **l-Gran Paradiso Park**, li kien il-bosk tal-kaċċa tal-familja Savoia. Hawn naraw ġmiel ta' veduti, muntanji u xmajjar kif ukoll foresti. Naraw għadd ta' nixxiegħat tal-ilma li jibqgħu niżlin sal-widien ta' **dora Boltea**. Naraw ukoll għadd t'annimali bħal **Ibex, Chamois, Eagle eċċ...** Fill-vilaġġ ta' **Lillaz** naraw waterfalls mill-isbaħ, tlett kaskati għolja 150metru. Fost xenarju li jsaħħrek insibu l-vilaġġ ta' **Cogne.** Wara nitlqu bil coach lejn **Bard**, fejn se naraw fortizza mill-iżjed impressjonanti li tmur lura għas-sena 1000, kienet tintuża bħala strutura militari sal- 1830. Wara li saru xogholijiet ta' restawrazzjoni reġgħet infetħet għall-pubbliku fejn illum hi ċentru kulturali tal- Western Alpi. Insibu wkoll il-mużew tal-Alpi (entratura extra), nirritornaw lura l- hotel għaċ-ċena.




**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**870**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €920 | €870 |
| Kamra żewġ persuni | €925 | €875 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1020 | €970 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €650 | €600 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira Air Malta: Malta-Milan-Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u *cable cars* mhux inklużi)
- 7 iljieli Hotel Miage 3 star fiċ-ċentru ta' Aosta (Charvensod)
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Ċena (skond il-programm)
- Taxxi tal-ajruport , City Tax u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

### IL-ĠIMGĦA
Illum noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Torino, l-kapitali tal-Piemonte**. Ikollna city tour fejn naraw il-ġmiel meravulju ż **tal-Palazz Rjali, Palazzo Madama, il-kattidral, il-Mole Antonelliana li huwa l-għola bini f'din il-belt, Piazza San Carlo, Via Roma, Piazza Castello, Palazzo Carignano,** il-kattidral fejn hu miżmum il-lizar ta' Kristu u ħin liberu. Wara jkollna ħin liberu għall ikel (extra) u shopping. Wara nibqgħu sejrin il-Bażilika Superga opra tal-kbir Juvarra. Lura l-hotel għaċ-ċena.

### IS-SIBT
**Chamonix** huwa ski resort pittoresk fl-Alpi Franċiżi eżattament fir-reġjun **Haute Savoie** qed jistennik biex tiskoprih! Nagħmlu dawra mat-toroq tipiċi kollha boutiques u bini mill-isbaħ. Min irrid jista' jitla fuq il-muntanja **Aguille De Midi** f'għoli ta' 3482 (ħlas extra). Gawdi xi ikla tipika u xi tazza nbid tajba qabel nitilqu lejn ir-riżort Taljan ta' **Courmayeur.** Post ieħor li jiftaħar bi storja antika u snin twal ta' skiing champions.

Imdawwar bi spettaklu sabiħ **tal-monte Bianco, Courmayeur** għandu jsaħħrek. Niskopruh billi nagħmlu dawra bil-mixi lejn **Via Roma** b'waqfa ġewwa l-Cafe' storiku **'Caffe Della Posta'**. Lura l-hotel għaċ-ċena.

### IL-ĦADD
Wara l-bufffet breakfast ikun wasal il-ħin li nħallu Aosta b'tant memorji sbieħ u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Milan**, fejn ser ikollna l-opportunita' li naraw **Castello Sforzesco**, **Galleria Vittorio Emanuele II**, **Teatro La Scala**, **Piazza Duomo** u l-famuż **Katidral** iddedikat lil Madonnina. Wara jkollna transfer lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fit-20.55 u naslu lura Malta fil- 22.45.

### N.B.
It-tour t' Ottubru niltaqgħu l-ajruport fl-10.00 għall-flight KM624 li ttir fit-12.10 u naslu Linate fl-14.00. Naslu lura lejn Malta fuq flight KM625 li ttir fil-14.50 u naslu lura Malta fis-16.40, b'hekk l-eskurssjoni ta' Bard issir l-ewwel ġurnata.

